MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 746/2008

**Medairco Limited (C-1697)**
**vs**
**Presidential Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet l-hlas mis-socjeta' konvenuta ta' elfejn, mija u tlieta u ghoxrin ewro u wiehed u disghin ewro centezmi (€2123.91) rapprezentanti hlas ta' bejgh in konsenja ta' prodotti u materjal u servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess liema ammont ghadu dovut sa llum.

Illi minkejja interpellazzjonijiet ghal hlas dawn baqghu inadempjenti ghat-talba.

Bl-ispejjez u l-konvneuta ngunta ghas-subizzjoni u bl-imghax legali.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta  fejn qalet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prodotti/materjal u servizzi li s-socjeta' attrici qeda tghid li forniet lis-socjeta' konvenuta ma kienux ta' kwalita' pattwita u lanqas ma kienu idoneji ghal-iskop li ghalihom intalbu tant illi l-eccipjenti kellha tinkariga lill-haddiehor u dan kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost *data ma non concesso* li l-eccezzjoni ta' qabel ma tigix akkolta, fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attrici.

Ra x-xhieda ta' Manuel Grech, Luke Vella, Roderick Vella u George Pace.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi in atti.

**Ikkunsidra:**

Illi dan il-kaz huwa dwar  talba ghal hlas ta' prodotti, materjal u servizzi provduti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta li topera lukanda f'San Giljan u ghall-liema s-socjeta' attrici qalet illi l-prodotti u s-servizzi provduti ma kienux ta' kwalita' pattwita u li minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont mitlub huwa ezagerat.

Is-socjeta' attrici tfornixxi *airconditioning units* u tipprovdi l-manutenzjoni ta' l-istess *airconditioning units*. Illi l-ammont tat-talba jinkludi servizzi ta' manutenzjoni u *parts* provduti u mibjugha lis-socjeta' konvenuta. Intqal ukoll illi s-socjeta' konvenuta dejjem weghdet li kienet ser thallas u li matul il-perjodu li kien jinghata servizz mis-Socjeta attrici ma kien hemm ebda ilment minn naha tas-socjeta' konvenuta kemm dwar is-servizz u kemm dwar l-ammont fil-fatturi. Xehedu t-*technicians* tas-socjeta' attrici li kienu jmorru fuq

il-post fejn qalu li huma kienu jaghmlu xoghlom u li hadd min-naha tas-socjeta' konvenuta qatt ilmenta minnhom. Intqal ukoll illi l-*works order* li tinghatalhom kienet tkun iffirmata miz-zewg partijiet.

Illi mix-xhieda tas-socjeta' konvenuta jirrizulta li kien hemm xi ftehim ta' manutenzjoni tal-*air conditioning units* ma' socjeta' terza li kienet tigestixxi l-lukanda qabel is-socjeta' konvenuta. Dan il-ftehim qatt ma gie ezebit quddiem it-Tribunal bhala prova ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien obbliga ruhu li jezebixxi dan id-dokument waqt xhieda tieghu. Intqal ukoll illi l-fatturi kienu jsejjhu perjodu meta l-lukanda kienet gestita minn terzi u ghalhekk dawk il-fatturi kienu jsejhu lil din is-socjeta' terza u mhux lis-socjeta' konvenuta.It-Tribunal jirrilleva li provi in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet ma ngabux.

Iili t-Tribunal jirrelleva wkoll li skont dokumenti ezebiti in atti s-servizzi ta' manutenzjoni saru bejn l-2006 u l-2007. Peress li jirrizulta li ma kienx hemm ftehim dwar il-manutenzjoni tal- *air conditioning units* s-socjeta' attrici kienet ticcargja bis-siegha. Illi rrizulta fil-maggor parti tal-*invoices* li s-socjeta' attrici kienet ticcargja wiehed u erbghin ewro (€41) fis-siegha izda hemm *invoices* fejn is-socjeta' konvenuta giet iccargjata kemm hamsa u tlettin ewro (€35) fis-siegha, kif ukoll erbgha u ghoxrin ewro (€24) fis-siegha. Illi t-Tribunal jirrelleva li r-rati ma kienux konsistenti. Irrizulta ukoll, mix-xhieda, li s-socjeta' attrici kienet tibghat tnejn min-nies fuq il-post tax-xoghol.

Illi huwa minnu li jirrizulta li s-socjeta' attrici ma kienetx ticcargja l-istess ammont fis-siegha ghal-hidma skont l-*invoices* ezebiti minnha izda dan il-fattur wahdu ma jfissirx illi x-xoghol ma sarx sewwa. Illi min-naha tas-socjeta' konvenuta ma jidhirx illi kien hemm xi kontestazzjoni dwar l-ammont ta' sieghat mahduma izda biss dwar l-ammont mitlub. Fil-fatt l-ilment ewlieni kien dwar il-fattura numru 006246 fejn is-socjeta' konvenuta hasset illi dan il-kont kien eccessiv. It-Tribunal jirrilleva li kienu saru seba' (7) zjarat mis-socjeta' attrici fil-President Hotel tul xahar u li b'kollox hadmu disgha u ghoxrin siegha u gew iccargjati

elf u tmienja u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin ewro centezmu (€1048.22) ghal-hidma . It-Tribunal jifhem illi tezisti differenza bejn rati ghal *service calls* ghal semplici manutenzjoni u rati ghat-tiswijiet izda fil-kaz odjern ir-rati ma gewx miftiehma minn qabel. Illi jifhem ukoll illi r-rati indikati ghal fattura numru 006246 huma ta' hamsa u tlettin ewro (€35) fis-siegha bi tnejn min-nies prezenti.

Ili dwar il-fattura numru 006246 ezebita in atti jirrizulta li ghal xahar shih kien hemm l-istess ilment bil-konsegwenza li s-socjeta' konvenuta tellghet kont qawwi. Illi meta wiehed jiehu akkont illi kien ikun hemm zewg min-nies prezenti ghax-xoghlijiet, l-fattura ma tirrizultax ezagerata.

Wara li sema u evalwa il-provi ezebiti quddiemu, t-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha u li s-socjeta' konvenuta naqset milli ggib il-provi in sostenn ta' dak kollu li gie allegat minnha. In konkluzjoni, id-difiza tas-socjeta' konvenuta hija wahda dghajfa li ma timmeritax akkoljiment.

It-Tribunal ghalhekk jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici filwaqt illi jirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------